# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 680/2010

## tad-29 ta' Lulju 2010

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1580/2007, fir-rigward tal-limiti li fihom jiġu attivati d-dazji addizzjonali għat-tuffieħ

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament "waħdieni dwar l-OKS") [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 143(b) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex [2] jistipula s-sorveljanza tal-importazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness XVII tiegħu. Din is-sorveljanza għandha titwettaq skont ir-regoli dettaljati stabbiliti fl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarja [3].

(2) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5(4) tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura [4] konkluż matul in-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj, u abbażi tal-aħħar informazzjoni disponibbli għall-2007, l-2008 u l-2009, jeħtieġ li jiġu adattati l-limiti li fihom jiġu attivati d-dazji addizzjonali għat- tuffieħ.

(3) B'riżultat ta' dan, ir-Regolament (KE) Nru 1580/2007 għandu jiġi emendat.

(4) Il-miżuri pprovduti b'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 għandu jinbidel bit-test muri fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.
[3] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.
[4] ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

*ANNESS*

*"ANNESS XVII*

**DAZJI ADDIZZJONALI TAL-IMPORTAZZJONI: TITOLU IV, KAPITOLU II, TAQSIMA 2**

Bla ħsara għar-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies indikattiva biss. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, l-ambitu tad-dazji addizzjonali huwa determinat minn dak tal-kodiċijiet tan-NM kif kienu fi żmien l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

| Numru tas-serje | Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | Perjodu tal-applikazzjoni | Limiti tal-attivazzjoni (ṭunnellati) |
|---|---|---|---|---|
| 78.0015 | 0702 00 00 | Tadam | Mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | 1 215 526 |
| 78.0020 | | | Mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru | 966 429 |
| 78.0065 | 0707 00 05 | Ħjar | Mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru | 11 879 |
| 78.0075 | | | Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April | 18 611 |
| 78.0085 | 0709 90 80 | Qaqoċċ | Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju | 8 866 |
| 78.0100 | 0709 90 70 | Zukkini | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru | 55 369 |
| 78.0110 | 0805 10 20 | Larinġ | Mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju | 355 386 |
| 78.0120 | 0805 20 10 | Klementini | Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar | 529 006 |
| 78.0130 | 0805 20 30<br>0805 20 50<br>0805 20 70<br>0805 20 90 | Mandolin (inkluż it-tanġerini u s-satsumi); il-wilkings u ibridi simili taċ-ċitru | Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar | 96 377 |
| 78.0155 | 0805 50 10 | Lumi | Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru | 329 903 |
| 78.0160 | | | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju | 92 638 |
| 78.0170 | 0806 10 10 | Għeneb tal-mejda | Mill-21 ta' Lulju sal-20 ta' Novembru | 146 510 |
| 78.0175 | 0808 10 80 | Tuffieħ | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu | 1 262 435 |
| 78.0180 | | | Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru | 95 357 |
| 78.0220 | 0808 20 50 | Lanġas | Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April | 280 764 |
| 78.0235 | | | Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru | 83 435 |
| 78.0250 | 0809 10 00 | Berquq | Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju | 49 314 |
| 78.0265 | 0809 20 95 | Ċirasa, għajr għaċ-ċirasa qarsa | Mill-21 ta' Mejju sal-10 ta' Awwissu | 90 511 |
| 78.0270 | 0809 30 | Ħawħ, inkluż in-nuċiprisk | Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru | 6 867 |
| 78.0280 | 0809 40 05 | Għanbaqar | Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru | 57 764" |